MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 301/2007

**A B C**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**Donatella E, L-Avukat Dottor Patrick Valentino u**
**l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud, u F G H I**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi fl-1 ta' Lulju 2006 twieled J H I E kif jirrizulta mill-anness certfikat tat-twelid (Dok. A);

2. Illi omm il-minuri J H I E u cioe' Donatella E hija mart l-intimat F G H I u li prezentement jinsabu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni u annullament;

3. Illi r-rikorrenti A B C ottjena l-annullament tieghu permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Familja datata 31 ta' Mejju 2006;

4. Illi fl-imsemmi certifikat tat-twelid tal-minuri J H I E, l-intimat F G H I huwa imnizzel bhala l-missier naturali tat-tifel minuri u dan stante l-presunzjoni li min jitwieled fiz-zwieg hu presunt li hu wild il-konjugi;

5. Illi kif jirrizulta mill-ezami u rizultat ta' DNA (Dok. B) maghmula fuq ir-rikorrenti, fuq l-intimata Donatella E u l-minuri, jirrizulta illi l-missier naturali tal-minuri huwa r-rikorrenti;

6. Illi di piu, l-intimata Donatella E u l-intimat F G H I qatt ma ghixu flimkien taht l-istess saqaf.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi l-intimat F G H I ma huwiex il-misiser naturali tal-minuri J H I;

2. Tiddikjara illi r-rikorrenti huwa l-missier naturali tal-minuri J H I;

3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubblikku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri J H I billi f' dik il-parti dedikata ghad-dettalji tal-missier it-tarbija, fejn hemm miktub isem u kunjom missier it-tarbija, l-isem "F G H I", jigi sostitwit b' "A B C, u fejn hemm miktub "Tripli, Libya" jitnizzel "Lagos, Nigeria".

Bl-ispejjez u l-intimati ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rripsondew illi m' humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero' jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ghandu jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrent jintlaqghu, dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni flimkien mad-dettalji l-ohra. Inoltre, ir-rikorrent ghandu jitlob li jekk jintlaqghu t-talbiet attrici ghandhom jigu kkancellati l-kliem “the said” minn taht il-kolonna li tispecifica d-dettalji ta’ omm it-tarbija.

3. Illi fit-talbiet attrici ghandu jigi specifikat n-numru progressiv ta’ iskrizzjoni ta’ l-Att tat-Twelid li huwa 2149 tas-sena 2006.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat li l-konvenut F G H I debitament ingunt baqa’ kontumaci;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA maghmul u mahluf mill-Ispizjara Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti li t-tifel bl-isem J H I E li twieled fl-1 ta' Lulju 2006 u registrat permezz ta' l-Att tat-Twelid numru 2149/06, mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut F G H I, izda huwa l-wild bijologiku tieghu; kif ukoll talab id-debita korrezzjoni fl-imsemmi Att tat-Twelid.

**Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta mhux kontraddett li l-konvenuta Donatella E, fiz-zmien li z-zwieg taghha mal-konvenut H I kien ghadu validu, bdiet relazzjoni ma' l-attur u marret tikkonvivi mieghu f' Novembru 2005. Ftit wara, harget tqila, u fl-1 ta' Lulju 2006 weldet lit-tifel J. L-istess konvenuta ssostni li "Jien mill-ewwel kont naf li missier it-tarbija kien A C, u dan ghaliex jien relazzjoni sesswali kelli mieghu biss u ma hadd aktar – la ma' zewgi – fejn jien u hu lanqas biss ghixna taht l-istess saqaf – u lanqas ma' rgiel ohrajn."[1]

Illi r-rapport xjentifiku jikkonferma l-verzjoni li l-attur hu l-missier naturali tat-tifel J.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li l-missier naturali u bijologiku tal-minuri J H I E mhuwiex il-konvenut F G H I, izda huwa l-attur; u konsegwentement tordna d-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru 2149/06 fit-termini tat-tielet talba.

L-ispejjez jkunu a kariku ta' l-attur u tal-konvenuta Donatella E fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

[1] Fols.40 u 41

---------------------------------TMIEM---------------------------------